KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Mons. Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037
MALTA

TAS-SLIEMA

SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Mons. Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037.
Malta

Telephone: +356 2133 7633
E: sliema.lc@gov.mt
W: sliemalc.gov.mt/en/

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAL-GĦAXAR LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 16

Is-Sittax is-seduta tal-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa 4 ta' Ġunju 2025 fis-6pm ġewwa The Victoria Hotel, Triq Gorg Borg Olivier, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Joe Aquilina | Kunsillier |
| | Wallace Baldacchino | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Ryan Borg | Kunsillier |
| | Jacqueline Higgins | Kunsilliera |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsilliera |
| | David Soler | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Zack Zammit | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċċjal Prinċipali |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:20pm:*

**16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

**16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 14 u 15;**

**16.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**16.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

**16.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;**

**16.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

**16.7 Mozzjonijiet: Proposed Way Forward for the Sliema Carrying Capacity Study;**

**16.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

## 16.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**16.1.1** Il-Kunsill rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsillier Z Zammit

## 16.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 14 u 15

**16.2.1** *Ma kien hemm ebda emendi għal minuti tal-laqgħa numru 14*

Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħa numru 14 għall-approvazzjoni tal-Kunsillieri preżenti.

Il-kunsillier E Borg ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsilliera V Galea Pace.

**16.2.2** Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħa numru 15 għall-approvazzjoni tal-Kunsillieri preżenti.

Il-kunsillier K Wain ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier W Baldacchino.

## 16.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

### 16.3.1 Xogħolijiet ta' l-Enemalta madwar il-lokalita'

- Is-Sindku spjega li kellu laqgħa ma l-infrastructure Malta u rappreżentanti tal-WSC, fejn ġew diskussi xogħolijiet oħra li ser isiru f'tas-Sliema, sabiex jinbidel l-infrastruttura ta' l-ilma.

- Kompla jispjega li f'ċertu toroq fejn diġa' saru xogħolijiet ta' tħaffir ta' trinek, sabiex isir kisi ta' *tarmac* u tibdil ta' bankini.

### 16.3.2 Ferro Bay – Latrina Pubblika:

- Ix-xogħol fuq il-bini tal-latrina pubblika ser jibda fil-ġimgħat li ġejjien dan wara li l-perit li kien ingaġġat għal proġett ma setgħax ikompli ħabba raġunijiet ta' saħħa u għalhekk il-kunsill kellu jagħżel perit ieħor.

### 16.3.3 Xogħol ta' irrigazzjoni:

- Ser jitħawwlu aktar siġar u pjanti u ħamrija ġdida fil-partijiet ta' Għar id-Dud. IM ser jaraw li ċ-ċint jogħla bħal dak li sar ix-Xatt.
- L-ispejjeż tal-pjanti u siġar ser jidħlu għalija Project Green

### 16.3.4 Update fuq it-tneħħija tal-*iskips*:

- Is-Sindku ta' l-kelma lill-Viċi Sindku, fejn spjega li t-tneħħija ta' l-*iskips* tal-istabillimenti tal-ikel minn postijiet pubbliċi, kien success għal KL bil-koperazzjoni ta' kulħadd.

- Il-VS kompla jgħid li qadt hemm xi skips li għadt iridu jitneħħew u l-KL huwa f'kuntatt mal-pulizija biex jaraw li dawn jitneħħew ukoll.

- Il-kunsillier J Aquilina saqsa lis-Seg. Eżek. jekk ir-residenti għandhom pjattaforma fejn jistgħu jgħaddu l-ilmenti tagħhom jekk jaraw skips li qed jokkupaw postijiet pubbliċi.
- Is-Seg. Eżek. spjega li r-residenti għandhom il-mezzi kollha neċessarji sabiex jagħmlu kuntatt dirett mal-KL, fosthom, emails ikkrejati apposta, bħal tas-sapport, bulky u permessi, hemm linji diretti tat-telefon u mezzi ta' kuntatt dirett bil-paġni tal-midja soċjali fosthom ta' l-Instagram u l-

Facebook. Is-Seg. Eżek kompla jgħid li l-paġna ta’ FB tal-KL u huwa l-iktar wieħed li għandu followers u engagement fost il-KL kollha ta’ Malta u Għawdex.

**16.3.5 Ticket booths:**

- Is-Sindku qal li is-survey li kellu isir mit-TM dwar l-ammont ta’ ticket booths u min u sidhom, qal li dan is-survey sar u qara’ l-kontenut ta’ dan is-survey.

- Is-Sindku kompla jgħid li jekk l-awtoritajiet konċernati għat-tneħħija u regolarizazzjoni tat-ticket booths mix-Xatt ser ikompli jkaxkru saqajhom, allura jiddikjara li l-KL ser jara fejn jikkri maħżen u jikkonfiska t-ticket booths, dan sabiex il-KL jinforza l-bye-law.

- Il-kunsillier J Aquilina saqsa jekk il-KL ser iwaħħal avviżi fuq it-ticket booths mill-pulizija bħala notifika ta’ sgombru minn art pubblika.
  Is-Sindku rrisponda fil-posittiv.

- Il-kunsillier R Borg qal li jekk ikun notifika fuq it-ticket booths, jkun detriment għat-turisti, jekk jaqraw li dawn it-ticket booths huma hemm illegalment.

**16.3.6 Tabelli tal-ilbies deċenti:**

- Il-kunsillier K Wain qal li l-aħjar jinbidel il-kliem tat-tabella li ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa, hu issuġerixxa li l-kliem għandu jkun, *“Please Do Not Wear Swimwear Beyond This Point”*

- Segwit diskussjoni mill-kunsilliera preżenti. Wara din id-diskussjoni s-Sindku talab vot dwar liema kliem ser jitpoġġa fuq is-sinjali li ser jitwaħħlu madwar il-promenade.

- Ġie deċiż li ser jintuża l-kliem li ippropona l-kunsillier K Wain

**16.3.7 Bankijiet ġodda:**

- Is-Sindku qal li permezz ta’ CSR ma numru ta’ kumpaniji privati, l-KL ordna tnax il-bank ġdid sabiex jitpoġġew fil-gallariji madwar il-promenade.

**16.3.8 Tindif tal-lokalita':**

- Is-Sindku għadda l-kelma lil VS sabiex jagħti dettalji dwar il-kuntratt il-ġdid għat-tindif tal-lokalita' hekk kif qed jiġi propost minn CleanMalta. Il-VS qal li ser ikun bord li ser jevalwa l-kuntratt u dan ser ikun kompost mis-Sindku, il-VC u l-Minority Leader W Baldacchino.

  Il-VC ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsilliera preżenti l-mistoqsija, jekk il-KLS ser jaċċetta li t-tindif tal-lokalita' se jsir minn CleanMalta:

  Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.

## 16.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

**16.4.1** Ma kien hemm l-ebda tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsilliera

## 16.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI;

**16.5.1 Preżentazzjoni mill-kunsilliera R Borg u W Baldacchino:**

- Il-kunsilliera ppreżentaw proposta sabiex taħt l-outdoor gym ħdejn it-Torri jew fi Ġnien Indipendenza ikun hemm struttura permanenti tal-*Climbing.*
- Kien hemm diskussjoni u mistoqsijiet mill-kunsilliera preżenti
- Is-Sindku ssuġerixxa sabiex isir laqgħa apposta biex tiġi diskussa l-idea iktar fid-dettal u stieden lil kunsillier R Borg sabiex tiġi skedata data għal dan il-proġett.

**16.5.2** Is-Sindku ħabbar li l-PA awtorizza l-permess biex jibda l-proġett ta' Outdoor Gym ġdid fiż-żona ta' Qui Si Sana.

**16.5.3** Il-kunsillier R Borg qal li ikkomunika ma' l-Segretajat Parlamentari li huwa responsabbli tal-fondi ta' l-UE u qal li fil-ġimgħat li ġejjien ser jaħdem fuq pjan sabiex jiġu organizzati numru ta' laqgħat għall-għaqdiet non-governattivi tal-lokalita' fejn ser jiġu mistiedna esperti fil-fondi ta' l-UE biex jispjegaw kif dawn l-għaqdiet ikunu jistgħu jibbenifikaw minn ċertu fondi allokati għalihom.

**16.5.4** Il-VS qal li sa fl-aħħar l-Innu għal tas-Sliema huwa lest fl-intjir tiegħu bil-mużika u kliem. Il-VC kompla billi irringrazzja lis-Sur Joseph Cuschieri li kiteb il-kliem ta' l-innu. Il-VC issuġġerixxa li jiġi maħdum filmat f'tas-Sliema għal dan l-innu u min irid kopja tiegħu jkun jista' jordna mill-KL.

**16.5.5** Il-kunsillier D Muscat spjega d-dettalji tal-programm tat-tielet edizzjoni ta' Sqaqien u stieden lil kulħadd sabiex jattendi.

**16.5.6** Il-kunsilliera V Galea Pace u l-kunsillier E Borg spjegaw fid-dettal l-attivita' li ser jorganizzaw għall-anzjani fil-25 ta' Ġunju.

- Is-Sindku issuġġerixxa biex il-kunsilliera jagħtu donazzjoni għal Community Chest Fund u din tiġi ippreżentata lil President ta' Malta waqt.

## 16.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

**16.6.1** Is-Sindku ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-kunsillier D Soler ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-kunsilliera J Higgans issekondat.

## 16.7 MOZZJONIJIET:
## Proposed Way Forward for the Sliema Carrying Capacity Study;

**16.7.1** Il-kunsillier R Borg ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni tal-kunsilliera preżenti wara li qara' din l-istess mozzjoni li ġiet issekondata mill-kunsillier W Baldacchino.

- Is-Sindku ressaq emenda għal mozzjoni issekondata mill-VS, sabiex il-kliem li hemm fil-mozzjoni preżentata, jinbidel minn:
  "*The Sliema Local Council to cover the cost of the CCS*"
  U minflok jinbidel il-kliem għal:
  "*The Sliema Local Council shall ask the central Government to provide the necessary funds to cover the cost of the CCS"*

- Il-kunsillier R Borg qal li inizjalment hu kien ippreżenta żewġ mozzjonijiet, b'żewġ opzjonijiet differenti, però peress li l-proċedura tħallih jippreżenta mozzjoni b'opzjoni waħda, allura iddeċieda li jippreżenta l-opzjoni li qara' waqt il-laqgħa.

- Is-Seg. Eżek. spjega li skont il-proċedura, la darba s-Sindku ressaq emenda għal mozzjoni, allura l-kunsilliera preżenti iridu jieħdu vot fuq l-emenda li ġiet imressqa

- Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-emenda mill-kunsilliera preżenti:
  ***Dawk favur:*** *J Pillow, A Debono, E Borg, V Galea Pace, J Higgans, K Wain, J Dougall, D Soler, J Aquilina*
  ***Dawk kontra:*** *W Baldacchino, R Borg, D Muscat*

## 16.8 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

**16.8.1** Is-seduta ntemmet fid-8:40pm.
Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Ħamis 26 ta’ Lulju 2025 fis-6pm.

Minuti approvati llum: **15 ta’ Lulju 2025**

**John Pillow**
**Sindku**

**Pierre P Portelli**
**Segretarju Eżekuttiv**